

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2018 – Serenity Pharmaceuticals vs EUIPO – Gebro Holding (NOCUVANT)**(Kawża T-321/18)**

(2018/C 240/70)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* Serenity Pharmaceuticals LLC (Milford, Pennsylvania, l-Istati Uniti) (rappreżentant: J. Day, Solicitor)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Gebro Holding GmbH (Fieberbrunn, l-Awstrija)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni "NOCUVANT" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 053 434*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Marzu 2018 fil-Każ R 584/2017-2**Talbiet***Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:*

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tas-27 ta' Jannar 2018 fl-Oppożizzjoni Nru B 002437922;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil Gebro Holding GmbH għall-ispejjeż tagħhom stess u dawk tar-rikorrenti.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 2017/1001;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2018 – Fomanu vs EUIPO – Fujifilm Imaging Germany (Rappreżentazzjoni ta' farfett)**(Kawża T-323/18)**

(2018/C 240/71)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* Fomanu AG (Neustadt a.d. Waldnaab, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Reichart, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Fujifilm Imaging Germany GmbH & Co. KG (Willich, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Nru 5 481 403

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Marzu 2018 fil-Każ R 2241/2016-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn it-trade mark kkontestata tal-Unjoni Ewropea ddekadiet fir-rigward ta' dawn il-prodotti u servizzi:

Klassi 9: CDs, DVDs, programmi tal-informatika u softwer, b'mod partikolari softwer ta' skambju, ta' ħażna, ta' riproduzzjoni u ta' ġabra sistematika tad-data.

Klassi 16: prodotti ta' stampar inklużi fil-klassi 16, bl-eċċezzjoni ta' prodotti ta' stampar stampati b'ritratti individwali (b'mod partikolari kotba fotografiċi, kalendarji fotografiċi, tili fotografiċi, puzzles fotografiċi, djarji fotografiċi, fajls fotografiċi);

Klassi 38: provvista ta' aċċess għal database għat-tniżżil ta' informazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi (internet); trażmissjoni ta' messaġġi u ta' immaġni bil-kompjuter.

Klassi 40: Legatura tal-kotba

- tikkunanda lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) u (2), flimkien mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 207/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

- Ksur tal-Artikolu 19(1) flimkien mal-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1430.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Mejju 2018 – C & J Clark International vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-230/16) ⁽¹⁾

(2018/C 240/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 260, 18.7.2016.
